**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. A Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Jannar 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 278/2016 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] Fol. 1.

1. *Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha twieldu zewg ulied, E D B li twieled nhar il-11 ta' Settembru 2011 u F D B li twieled nhar is-27 ta' Gunju 2013;*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn wara li l-intimat, kien f'diversi okkazjonijiet fizikament vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti u dan anke fil-prezenza taz-zewg ulied minuri u dank if ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;*

3. *Illi bhala stat ta' fatt u b'konsegwenza tal-agir tieghu, l-esponenti qieghda f'sitwazzjoni fejn ikollha litteralment tisforza liz-zewg minuri, ahwa D B, biex imorru ghall-access. Jinghad ukoll illi l-fatt li l-intimat ma jzommx rutina fl-access tieghu, lanqas ma jghin is-sitwazzjoni;*

4. *Illi minkejja diversi tentattivi ghall-ftehim amikevoli, u anke diversi digrieti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti li kienu jirregolaw il-manteniment dovut ghall-minuri u anke l-access, minhabba intransigenza tal-intimat li lanqas biss attenda ghall-ahhar seduti ta' medjazzjoni, il-partijiet qatt ma waslu ghall-kompromess, tant li l-esponenti ma kellhiex ghazla ohra ghajr li tintavola l-proceduri odjerni;*

5. *Illi jinghad ukoll li l-intimat tant m'ghandux ghall-qalbu l-benessere tal-minuri li minkejja d-digriet ta' manteniment, sal-gurnata tal-lum, huwa ghadu mhux qed ihallas il-manteniment dovut minnu u lanqas ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, tant li hemm arretrati ta' xejn inqas minn Eur 5,192.81 u dank if ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza;*

6. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, datat 18 t'Ottubru 2016 (Dok A);*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F D B f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukolld awk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta'*

*edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno, ta' passaport, jittiehdu esklussivament minnha minghajr htiega tal-firma tal-intimat*

2. *Tiffissa access adegwat ghall-minuri, b'dan illi l-istess minuri jingabru minn quddiem l-ghassa tal-pulizija sabiex l-esponenti ikollha serhan tal-mohh li mhux ser jinqalu ncidenti;*

3. *Tillikwida u tiffissa manteniment ghal minuri u dan sakemm l-istess jaghlqu t-tmintax-il sena jekk jiddeciedu li jieqfu mill-istudji taghhom u jibdew jahdmu fuq bazi full-time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedu li jkomplu bl-istudji taghhom fuq bazi full-time u konsegwentament tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

4. *Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jsta' jkollu, jew minn kwalsiasi benefficcji socjali li huwa jista jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

5. *Tillikwida l-ammont ta' kumpens fi spejjez ta' sahha u edukazzjoni u arretrati ta' manteniment li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti fir-rigwardtal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mill-20 ta' Nvembru 2014 sal-prezentata tal-kawza odjerna, fl-ammont ta' Eur 5,19281 u dan stante li ghalkemm kien hemm digriet vigenti fl-atti tal-medjazzjoni, l-intmat dejjem naqa milli jhallas sehemu milli jonora l-istess;*

6. *Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu that kull provvediment xieraq u opportune li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors ġuramentat nhar is-6 ta' Marzu 2017,[2] u li kien sar rikors għan-nom tiegħu mill-Avukat Kap għall-Għajnuna Legali nhar it-23 ta' Marzu 2017, u ċjoe' ftit jiem qabel ma skada t-terminu għall-intavolar tar-risposta ġuramentata tiegħu.[3] Konsegwentament nhar l-24 ta' Marzu 2017 il-konvenut ġie assenjat bħala difensuri tiegħu għal każ odjern lill-Avukat Dr Christopher Chircop u lil Prokuratur Legali Nadine Farrugia,[4] iżda jirriżulta illi l-Avukat Dr Christopher Chircop intavola rikors sabiex il-Qorti tassenja lil konvenut avukat tal-Għajnuna Legali ieħor minnfloku stante li huwa ma jistgħax jassistih legalment minħabba kunflitt ta' interess.[5] Għalhekk nhar it-28 ta' Marzu 2017, ġie assenjat lill-konvenut l-Avukat Dr Victor Buġeja. In vista ta' dan il-proċess, ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ġiet per konsegwenza ippreżentata nhar il-5 t' April 2017 fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-allegazzjonijiet ta' intransigenza u non-koperazzjoni fil-konfronyt tal-eccipjent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u anzi hija r-rikorrenti li dejjem pruvat taghmel il-hajja tal-eccipjent wahda mill-aktar difficli billi tipprova tbieghed lill-uliedu minnu bl-ghawi u t-tnassis.*

2. *Illi fir-rigward it-talbiet l-eccipjent ma ghandhux oggezzjoni ghall-ewwel zewg talbiet hlief li ma jidhirlux illi hemm l-htiega li l-minuri jingabru minn quddiem l-Ghassa tal-Pulizija;*

3. *Illi fir-rigward tal-manteniment u l-ispejjez l-ohra relatati, eccipjent jirrileva illi huwa ma jahdimx u ma ghandu l-ebda ntrojtu tant illi gie ammess ghall-beneficcju ta' l-ghajnuna legali;*

4. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

[2] Fol. 13.
[3] Fol. 20.
[4] Fol. 21.
[5] Fol. 18.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 18 ta' Ottubru 2016,[6] fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr A Critien,[7] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ġunju 2022,[8] fejn il-Qorti akkordat lill-partijiet tmien (8) ġimgħat żmien biex iresqu in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[9]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[10]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Fil-qasir jingħad illi l-fatti tal-kawża odjerna huma illi l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien iżda ma jirriżultax li dawn qatt kienu miżżewġin, minn liema relazzjoni twieldu l-minuri E u F, aħwa Azzoardi B, nhar il-il-11 ta' Settembru 2011 u s-27 ta' Ġunju 2013, rispettivament. Jidher illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat fix-xejn u fid-dawl ta' dan, il-minuri spiċċaw jgħixu mal-attriċi filwaqt li l-konvenut kien qed igawdi mid-dritt ta' aċċess għal uliedu u jikkontribwixxi finanzjarjament billi jħallas manteniment. Jingħad illi tenut kont tal-atteġjament skorrett tal-konvenut fir-rigward tal-minuri, l-attriċi ntavolat din il-kawża sabiex is-sitwazzjoni rigward uliedha minuri tiġi regolata formalment permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja.

---

[6] Fol. 5.
[7] Li ġiet maħtura għal tali fini fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2018, a fol. 32.
[8] Fol. 232.
[9] Fol. 233.
[10] Fol. 232.

Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti għandha quddiemha kawża fejn l-attriċi qiegħda titlob:

i. Tiġi fdata b'mod esklussiv il-kura u kustodja tal-minuri, b'dana illi tkun awtorizzata tieħu d-deċiżjonijiet kemm ordinarji kif ukoll straordinarji tal-minuri;

ii. Tiffissa aċċess adegwat għal minuri, b'dana illi l-minuri jinġabru minn quddiem l-Għassa tal-Pulizija;

iii. Tillikwida manteniment adegwat għal minuri, filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas tali manteniment kif likwidat kif ukoll somma li tirrapreżenta sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, liema mantenimet għandu jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegħ li għandu jew jista' jkollu l-konvenut;

iv. Tordna lill-konvenut iħallas l-arretrati ta' manteniment fis-somma ta' €5,19281 għal perjodu bejn l-20 ta' Novembru 2014 sal-preżentata tal-kawża;

v. Tagħti dawk il-provvedimenti xierqa li jikkonċernaw, *inter alia,* is-safar, l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet edukattivi, u extra-kurrikulari.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut ma joġġezzjonax fir-rigward tal-kura u kustodja li din tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, u lanqas li jkun hemm dritt għall-aċċess, salv illi l-minuri ma għandhomx fil-fehma tiegħu jinġabru minn quddiem l-Għassa tal-Pulizija. Min-naħa l-oħra, huwa joġġezzjona għal manteniment u l-arretrati, u dan stante li huwa ma jaħdimx.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

### *Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mresqa Minnha:*

Permezz ta' affidavit,[11] l-attriċi iddikjarat illi ltaqgħat mal-konvenut meta kellha dsatax-il (19) sena ġewwa stabbiliment f'Paceville. Huma għamlu seba' (7) snin

[11] Fol. 146.

jgħixu flimkien Pembroke, fejn l-ewwel ftit xhur kellhom relazzjoni normali, għalkemm l-attriċi tammetti li kienet tinkwieta meta kienet taralu ammonti kbar ta' flus f'idejh. Għal bidu l-attriċi tgħid li kienet temmnu dwar minn fejn qiegħed iġib il-flus u dan għaliex kienet tħobbu, għalkemm maż-żmien bdiet tiskopri ħafna affarijiet bħal serq ta' diversi affarijiet, traffikar u użu ta' droga, kif ukoll il-vizzju tal-logħob. L-attriċi tgħid li ppruvat tgħin lil konvenut jegħleb il-vizzju tal-logħob, tant li kienet ħaditu l-Aġenzija Sedqa, fejn kien attenda darbtejn umbagħad waqaf imur.

Konsegwentament l-attriċi tgħid li kienet inqabdet tqila bl-ewwel wild, u f'dak iż-żmien il-konvenut beda jerfa' jdejh fuqha. Tispjega li qatt ma għamlet rapport mal-Pulizija għaliex kienet tħobbu wisq filwaqt li kienet tibża' minnu. Tgħid ukoll li ma kull l-iċken ħaġa l-konvenut kien jibda jidgħi u jagħti b'idejh. Dak iż-żmien l-attriċi bdiet tfaddal xi flus f'karus sabiex tixtri ħwejjeġ lit-tarbija li kienet ġejja fid-dinja, liema flus kien allegatament ħadhom il-konvenut. Fl-istess żmien, il-konvenut kien xorta waħda joħroġ waħdu, imur Pacevile, jisker u kemm-il darba kienet tmur għalih hi bil-mixi minn Pembroke biex jirritorna lura d-dar. Tispjega li kien hemm żmien li kienet tħossha ferm ħażin miegħu li xtaqet li titilqu iżda ma għamlitx hekk għaliex ma sabitx il-kuraġġ minħabba t-tarbija. Maż-żmien twieled E D B f'Settembru tal-2011, u l-biki tal-minuri kien idejqu ferm lil konvenut, tant li kien jaqbad karkura u jhedded li ser iwaddabielu jekk ma kienx ser jiskott. Fil-fatt jingħad illi l-konvenut qatt ma għin fit-trobbija tal-minuri, u meta E kellu erba' (4) xhur, l-attriċi tgħid li hija telqet għand ommha għax ma kienetx tiflaħ iktar għal konvenut, fejn hemmhekk damet tgħix madwar tlett (3) xhur. Konsegwentament l-attriċi ppruvat issalva r-relazzjoni tagħhom minħabba t-tifel, fejn il-konvenut kien wegħda illi ser jibdel ħajtu u b'hekk marret terġa' tgħix miegħu. Madanakollu wara ftit żmien, l-istess vizzji reġgħu bdew jitfaċċaw.

Wara disa' (9) xhur, l-attriċi ħarġet tqila bit-tieni wild, u fis-27 ta' Ġunju 2013 twieled F D B. Ftit qabel ma twieled it-tieni wild, l-attriċi kienet marret lura għand ommha. Wara xahrejn li twieled it-tieni wild, il-konvenut kien saqsiha biex terġa' tmur tgħix miegħu u fil-fatt hek għamlet. Hija damet tgħix miegħu ħames (5) xhur għaliex bdiet tibża' li ser idaħħalha f'ħafna inkwiet bl-affarijiet li kien qed jisraq. Barra minn hekk, l-attriċi tikkontendi li ma setgħatx tħalli lit-tfal jiġu influwenzati ħażin minn missierhom. In vista li ma kellhiex il-kuraġġ li tagħmel rapport mal-Pulizija, għaliha l-aħjar soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi kienet proprju illi

titilqu u tmur tgħix għand ommha. Wara li telqet l-aħħar darba, qatt ma reġgħat marret lura.

Kien għalhekk li bdiet tipprova tilħaq ftehim miegħu dwar manteniment u aċċess tat-tfal, iżda l-konvenut ma riedx jisma'. Tispjega li qatt ma waslu għal ftehim, iżda tispjega li hemm *in vigore* digriet *pendente lite* datat 20 ta' Novembru 2014 permezz ta' liema l-konvenut huwa obbligat iħallas erba` mitt Ewro (€400) kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment għaż-żewġt ulied, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Minkejja dan, l-attriċi tispjega li l-konvenut qatt ma kien preżenti f'ħajjet il-minuri. Għalhekk tispjega li l-inkwiet tagħha huwa li jekk ikollha bżonn xi forma ta' kunsens jew firma tal-konvenut fir-rigward tal-minuri, ikun ferm diffiċli għaliha biex tagħmel kuntatt miegħu, meta dan spiċċa ukoll sabiex biddel in-numru tal-*mobile* tiegħu sabiex żgur ma jkunx hemm forma ta' kuntatt. Fil-fatt l-attriċi tgħid li l-minuri jieħdu qata' jisimgħu b'missierhom u dan għaliex dejjem kienet ommhom li kienet preżenti għalihom. L-attriċi tgħid ukoll li minkejja d-digriet tal-Qorti u rapporti li saru mal-Pulizija, il-konvenut ma jħallasx manteniment, u għalhekk għandu arretrati ta' eluf xi jħallas filwaqt li sehemu mis-saħħa u edukazzjoni huwa qatt ma ħallas xejn. Skont l-attriċi, il-konvenut għandu jħallas tnax-il elf u tmien mija u sebgħin Ewro (€12,870) f'manteniment,[12] u elfejn u disa` mitt Ewro u għoxrin centezmu (€2,900.20) fi spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni u dan sal-preżentata tal-affidavit.[13]

F'affidavit ulterjuri,[14] l-attriċi tispjega illi *"bhala manteniment, C D ghandu jhallasni arretrati ta' tmintax-il elf tlett mija u ghoxrin ewro (€18,320) kif ukoll is-somma ta' elfejn sitt mija u ħames ewro (€2,605) bhala sehemu mill-ispejjeż ta' sahha u edukazzjoni ghas-snin 2015, 2016, 2017, 2018 u 2019 (kif jirrizulta mill-ircevuti annessi".*[15] Filwaqt li tgħid ukoll li rċevuti għas-sena 2020 u 2021 ma tistgħax tippreżentahom għax intilfu minħaba li bidlet id-dar. Għalhekk tkompli tgħid illi *"fir-rigward tas-snin 2020 u 2021, jekk jinhadem average fuq il-hames snin indikati sehem C D jammonta ghal mija u tlieta u hamsin ewro (€153) fis-sena u cioe' tlett mija u sitt ewro ohra (€306). Ghaldaqstant sehem ta' C D mill-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni għas-snin 2015 – 2021 jammonta ghal elfejn disa' mija u hdax-il ewro (€2,911.0)".*

[12] Fol. 149 – 152.
[13] Fol. 153.
[14] Fol. 177.
[15] Fol. 185, 195 – 218.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, fl-atti in ġenerali, tresqu s-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' RPC Janet Cicala in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[16] fejn ippreżentat il-fedina penali tal-konvenut,[17] kif ukoll għoxrin (20) rapport li saru mill-partijiet kontra xulxin fil-perjodu bejn l-2014 u l-2019:

   i. Rapport datat 20 ta' Awwissu 2019,[18] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn it- 2 ta' Jannar 2019 sat-3 ta' Settembru 2019 li jammontaw għal €3,600;

   ii. Rapport datat 3 ta' Lulju 2017,[19] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn Marzu u Lulju 2017 li jammontaw għal €2,000;

   iii. Rapport datat 17 ta' Frar 2017,[20] magħmul mil-attriċi kontra l-konvenut, rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn Novembru 2016 u Frar 2017 li jammontaw għal €1,600. Magħdud ma' dan ġie rrappurtat ukoll li minkejja li l-konvenut għandu d-dritt ta' aċċess għal uliedu, huwa naqas milli jeżerċita tali dritt f'numru ta' ġranet;

   iv. Rapport datat 10 ta' Novembru 2016,[21] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn Lulju u Ottubru 2016 li jammontaw għal €1,600;

   v. Rapport datat 10 ta' Novembru 2016,[22] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut stante li dan naqas milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess għal uliedu f'numru ta' ġranet, fejn meta mitkellem il-konvenut ammetta li kien ma jiflaħx, ma kellux karozza u kellu problemi fuq ix-xogħol;

---

[16] Fol. 45, 140.
[17] Fol. 143.
[18] Fol. 50.
[19] Fol. 53.
[20] Fol. 56.
[21] Fol. 60.
[22] Fol. 63.

vi. Rapport datat 31 ta' Lulju 2016,[23] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, in vista li dan tal-aħħar kien ħallas is-somma ta' €275 minnflok l-ammont ta' €400 għax-xahar ta' Ġunju 2016. Meta mitkellem il-konvenut saħaq illi huwa għandu jħallas manteniment għal tifel ieħor minn mara oħra u mhux qed ikollu biżżejjed flus biex iħallas l-ammont ta' €400 lill-attriċi;

vii. Rapport datat 31 ta' Lulju 2016,[24] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut stante li dan naqas milli jeżerċita d-dritt tiegħu ta' aċċess għal uliedu f'numru ta' ġranet. Meta mitkellem, il-konvenut saħaq li ma kienx mar għalihom minħabba li kien xogħol;

viii. Rapport datat 22 ta' Marzu 2016,[25] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut wara li dan tal-aħħar kien għamel rapport fil-konfront tal-attriċi – dan kollu fuq episodju li seħħ wara li l-konvenut irritorna lit-tfal wara l-aċċess. F'dan l-episodju, l-attriċi tirrapporta li hija ħadet ritratt sabiex turi li l-konvenut biddel il-karozza tiegħu, u għal tali raġuni l-konvenut kien vjolenti fil-konfront tal-attriċi tant li ġarbet xi ġrieħi kif ċertifkat minn Dr Mark Grech miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal il-Ġdid;

ix. Rapport datat 30 ta' Ġunju 2016,[26] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn Jannar u Ġunju 2016, fejn minkejja li huwa kellu jħallas is-somma ta' €400, iżda minnflok kien ħallas darbtejn is-somma ta' €175 u l-bqija €275;

x. Rapport datat 29 ta' Diċembru 2015,[27] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal Novembru 2015;

---

[23] Fol. 66.
[24] Fol. 69.
[25] Fol. 72.
[26] Fol. 76.
[27] Fol. 79.

xi. Rapport datat 27 ta' Mejju 2015,[28] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqasta' ħlas ta' manteniment għal April 2015;

xii. Rapport datat 19 ta' Ġunju 2015,[29] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment għal Mejju 2015;

xiii. Rapport datat 24 ta' April 2015,[30] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqasta' ħlas ta' manteniment għal Marzu 2015;

xiv. Rapport datat 26 ta' Marzu 2015,[31] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqasta' ħlas ta' manteniment għal Frar 2015;

xv. Rapport datat 27 ta' Frar 2015,[32] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqasta' ħlas ta' manteniment għal Jannar 2015. Meta mitkellem, il-konvenut saħaq illi huwa ma jafx bid-digriet tal-Qorti, li ma jaħdimx u ma jistgħax iħallas tali ammont ta' flus;

xvi. Rapport datat 29 ta' Jannar 2015,[33] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqasta' ħlas ta' manteniment għal Diċembru 2014;

xvii. Rapport datat 2 ta' Jannar 2015,[34] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqasta' ħlas ta' manteniment għal perjodu bejn l-20 ta' Novembru u l-20 ta' Diċembru 2014. Meta mitkellem il-konvenut stqarr illi hux qiegħed iħalass manteniment għax ma jaħdimx u l-uniku dħul tiegħu huwa dak tal-benefiċċji soċjali;

xviii. Rapport datat 2 ta' Diċembru 2014,[35] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut rigward nuqqas ta' ħlas ta' manteniment li kellu jsir nhar l-20 ta' Novembru 2014;

[28] Fol. 81.
[29] Fol. 83.
[30] Fol. 86.
[31] Fol. 89.
[32] Fol. 92.
[33] Fol. 95.
[34] Fol. 98.
[35] Fol. 101.

xix. Rapport datat 15 ta' Mejju 2015,[36] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, fejn irrappurtat li dan tal-aħħar ċemplilha fis-siegħa ta' filgħodu u qalilha li jekk ma kienux ser jirraġaw bejniethom *"kien ser jinxtered id-demm"*, ċempel ukoll fl-għaxra ta' filgħodu u qalilja li jekk ma jirranġawx kien *"ser ipattijha lil familtha kollha"*, liema kliem l-attriċi ħassitu bħala theddid;

xx. Rapport datat 5 ta' Marzu 2014,[37] magħmul mill-attriċi kontra l-konvenut, fejn irrappurtat illi wara li temmet ir-relazzjoni tagħha minn mal-konvenut, huwa beda jċemplilha u jheddidha. Il-konvenut jinnega li huwa qatt hedded lill-attriċi jew lil missierha. Konsegwentament l-attriċi rrapportat mill-ġdid li l-konvenut reġa' ċemplilha li huwa ma jibżax mill-Pulizija;

b. *Ix-xhieda ta' Vanessa Camilleri in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[38] fejn iddikjarat illi fuq isem fil-passat kien hemm reġistrati fuq isimha tlett (3) vetturi, ossija Mazda 121, Renault Megane u Toyota Yaris T3, bn-numru ta' reġistrazzjoni LAR-856, IBC-658 u FBW-785 rispettivament,[39] filwaqt li fil-preżent l-attriċi għandha reġistrat fuq isimha vettura waħda tat-tip Daihatsu Sirion bin-numru ta' reġistrazzjoni FCB-589.[40] Fir-rigward tal-konvenut, ix-xhud iddikjarat li fil-passat kellu reġistrat fuq ismu vettura waħda tat-tip Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni DBM-978,[41] filwaqt li fil-preżent għandu reġistrati fuq ismu żewġ vetturi tat-tip Honda CRX u Honda Accors EX I-CTD, bin-numru ta' reġistrazzjoni TRV-077 u RBS-598 rispettivament;[42]

c. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobs Plus*,[43] fejn ippreżenta: (i) l-*employment history* tal-attriċi fejn jirriżulta li fil-mument tax-xhieda, ossija fil-5 ta' Novembru 2019, l-attriċi kienet tinsab ingaġġjata mal-kumpanija Sloane Limited fuq bażi *part-time*,[44] (ii) ir-*registration*

[36] Fol. 103.
[37] Fol. 105.
[38] Fol. 46.
[39] Fol. 110.
[40] Fol. 108.
[41] Fol. 121.
[42] Fol. 118.
[43] Fol. 46.
[44] Fol. 125, 126.

*history* tal-attriċi,[45] (iii) l-*employment history* tal-konvenut fejn jirriżulta li fil-mument tax-xhieda, ossija fil-5 ta' Novembru 2019, il-konvenut kien jinsab ingaġġjat ma' Vella Silvan bħala *chef* fuq bażi *full-time*,[46] u (iv) ir-*registration history* tal-konvenut;[47]

d. *Ix-xhieda ta' Ivan Cilia in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[48] li jiddikjara li l-attriċi pperċepixxiet minn benefiċċji fil-perjodu bejn is-16 ta' Lulju 2011 u t-2 ta' Frar 2018, fejn kienet eleġibbli għall-assistenza soċjali, *tapering* tal-benefiċċji, u *children's allowance*.[49] Min-naħa l-oħra l-konvenut kien jipperċepixxi mill-għajnuna soċjali u tal-qagħad sal-10 ta' Frar 2017;[50]

e. *Ix-xhieda ta' Eliza Marie Vassallo in rappreżentanza ta' San Ġorġ Preca College Paola*,[51] li tikkonferma illi l-omm kienet dejjem tiġi għal-laqgħat tal-għalliema, u qatt ma kien hemm problemi dwar *homeworks*;

f. *Ix-xhieda ta' Louis Bellizzi bħala volunteer mal-Fondazzjoni Vittmi tal-Użura*,[52] li jispjega li il-pjan kien li jaraw id-dħul tiegħu sabiex jaraw kif jista' jħallas regolarment il-manteniment liż-żewġ ommijiet li magħhom għandu t-tfal, fosthom l-attriċi. Madanakollu jispjega li ilu ma jara lil konvenut mill-aħħar xhur tal-2019;

g. *Irċevuti rigward is-saħħa u edukazzjoni taż-żewġ minuri għal perojdu bejn 2015 u 2019 mħalsa mill-attriċi li jammontaw għal €5,210.50*.[53]

*Verżjoni tal-Konvenut u l-Provi Mresqa Minnu:*

Il-konvenut ma ressaq l-ebda affidavit u lanqas ma xehed *viva voce*, u għalhekk tinsab sprovvitsa mill-verżjoni tiegħu, għajr għal dik kif prodotta fir-risposta ġuramentata.

[45] Fol. 128.
[46] Fol. 132.
[47] Fol. 132, 133.
[48] Fol. 46.
[49] Fol. 134 – 137.
[50] Fol. 138.
[51] Fol. 170.
[52] Fol. 174.
[53] Fol. 195 – 218.

## 3. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern.

Rigward il-kura u kustodja, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[54] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza* estera *u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[55] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**,[56] u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna,**[57] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

---

[54] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[55] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[56] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[57] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[58] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[59] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Fir-rigward ta' manteniment, il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jagħmel referenza għall-Artikolu 3B, hawn fuq ċitati. Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri kollha, ċjoe' miżżewġin, separati jew *single-parents*, għandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

[58] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[59] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi u l-ħila tiegħu, u kif ukoll skont il-bżonnijiet tal-istess minuri.

Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-obbligu ta' ġenitur li jmantni lill-ibnu sa mit-twelid, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Filippu Grech vs. Antonia Magri**,[60] li għallmet illi:

*"Lanqas jista' jigi obbjettat illi meta l-attrici forniet dawk l-alimenti l-appellant ma kienx ghadu dikjarat, almenu in parti minnhom, missier naturali tal-minorenni, ghaliex ladarba s-sentenza ta' dina l-Qorti ddikjaratu missier naturali, dak l-istat, li ghandu jiswa "quod omnes", jirretroagixxi ghall-gurnata tat-twelid; ghaliex, kif jghid Laurent, Diritto Civile, VOL IV, nru. 20 et seq (ghalkemm dan l-awtur jittratta fuq ir-rikonoxximent volontarju), illi ladarba dak l-istat gie accertat, ghandu naturalment jigi accertat mill-gurnata tat-twelid,*

[60] Deċiża mill-Qorti tal-Appell, nhar l-20 ta' Diċembru 1946.

*ghax huwa assurd, diversament, illi l-appellant ikun missier bl-obbligi inerenti mill-gurnata tas-sentenza biss u mhux qabel."*

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Xerri pro et noe vs. Elvin Magri**,[61] spjegat illi *"issa li l-konvenut accetta li hu l-missier, apparti l-beneficcju li dan ir-rikonoxximent igib mieghu, irid jerfa wkoll parti mill-piz u jibda billi jaghti lill-omm parti mill-flus li hi nefqet fuq l-istess tifel".* B'hekk appena missier jaċċetta volontarjament li jirrikonoxxi wild jew inkella permezz ta' sentenza jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali ta' tarbija, huwa għandu l-obbligu li jirrifondi lill-omm it-tarbija sehemu mill-ispejjeż inkorsi minnha waħedha sa mit-twelid tat-tarbija.

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzonijiet oħra, u dan ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi: *"B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel",* il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna**, deċiża minn din il-Qorti izda diversament preseduta, nhar il-25 ta' Jannar 2019, u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minuri. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*"Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħħar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* ***Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs. Av. Dr. Simon Galea Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrapreżenta l-assenti Paul Joseph Strout*** *deċiża mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li 'Jirrizulta li l-attrici minn mindu telaq zewgha iddedikat ruhha ghat-trobbija ta' binha u terfa' wehidha, bl-ghajnuna sussidjarja tal-genituri taghha, il-piz ta' din it-tarbija. Huwa ragjonevoli ghalhekk illi fuq l-awtorita` tal-gurisprudenza stabbilita in materja (Vol. II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost ohrajn) partikolarment b'rigward "a cio' che e` piu` utile e vantaggioso all' interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tieghu ghandha tkun affidata lill-omm.'*

[61] Deċiza mill-Qorti tal-Appell, nhar is-27 ta' Frar 2009.

*Huwa l-interess tal-minuri li huwa suprem u mhux dak tal-partijiet jew ta' terzi persuni li jkunu in retroxena. Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet* **Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo** *irreteniet li*

*In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.*

*Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet fid-deċiżjoni tagħha tat-12 t'April 2018 fl-ismijiet* ***RM vs NM*** *(Rik Ġur Nru 196/10RGM):*

*"In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014 fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara illi fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta' proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* **A sive BC vs D sive EC** *deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll* ***Joseph Micallef vs Lesya Micallef*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

## 4. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Stabbilit il-premess, il-Qorti tisħaq illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fil-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Għaldaqstant f'dan l-istadju għal Qorti huwa irrelevanti dak li jixtiequ l-ġenituri, iżda dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa x'inhu bżonnjuż u ta' benefiċċju għal minuri in kwistjoni. Dan jiġi delinejat b'mod partikolari fis-sentenza fl-ismijiet **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-25 ta' Novembru 1998:

*"In this case the court must to do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child. The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child".*

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri E u F, aħwa D B, ulied il-partijiet, u kif ukoll tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bżonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldu l-imsemmija minuri. Għalkemm l-

attriċi qiegħda titlob li hija tiġi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, mill-atti jidher li l-konvenut ma għandu l-ebda oġġezzjoni għal tali talba. Fi kwalsiasi każ il-Qorti tara li l-partijiet kienu jgħixu taħt l-istess saqaf, iżda l-attriċi ma ħassitiex fis-sigur mal-konvenut u għalhekk temmet ir-relazzjoni u telqet tgħix għand ommha, u dan f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri. F'tali żmien, il-konvenut xorta waħda naqas milli jieħu ħsieb lil uliedu u jipprovdi għalihom finanzjarjament. Mill-atti jirriżulta ukoll li l-konvenut għandu ukoll iben ieħor minn relazzjoni preċedenti. Għalhekk mill-provi mresqa, b'mod partikolari l-fedina penali u r-rapporti mal-Pulizija, għal Qorti ma hemm l-ebda dubju illi kienet l-attriċi li dejjem assumiet il-kura u l-kustodja effettiva tal-minuri. Madanakollu, huwa inkonfutabbli għal din il-Qorti illi n-nuqqas ta' responabbilita' da parti l-konvenut fil-konfront ta' uliedu jpoġġi lill-attriċi f'sitwazzjoni diffiċli f'dak li għandu x'jaqsam mad-deċiżjonijiet illi talvolta jkun hemm bżonn li jittiehdu.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri E u F, aħwa D B għandha tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, dan anke billi l-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bażika. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[62] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[63] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri"*. Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Booker vs Roger Mahlangu**.[64]

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx <u>dritt ghall-access</u>, izda <u>obbligu</u> tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-*

[62] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[63] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.
[64] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).

*ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt malgenituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[65]

Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[66] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Fil-każ odjern jirriżulta l-konvenut kellu xi forma ta' dritt ta' aċċess, iżda li huwa ma kienx qiegħed jonora minħabba diversi skużi u dan kif jirriżulta mir-rapporti magħmula lill-Pulizija kif eżebiti fl-atti in eżami. Il-Qorti tara illi l-minuri għandhom ħdax-il (11) sena u disa' (9) snin rispettivament. Għaldaqstant u tenut kont tal-eta' tal-minuri, kif ukoll tal-fattispeċji odjerni, il-Qorti tara illi huwa xieraq li l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

1. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedhom, u jaraw huma x'jaħsbu dwar missierhom, il-possibilita' li jibnu rapport miegħu u l-aspettattivi tagħhom;

---

[65] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[66] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

2. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' *social worker,* skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi;

3. Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu lill-konvenut sabiex jitgħallem kif għandu jaġixxi u jimmaniġġja lill-minuri sabiex bil-mod il-mod jibda jimla' ż-żarbun ta' missier u jaġixxi bil-*bonus pater familias* fil-konfront ta' uliedu.

Il-Qorti tara li b'tali mod, l-interessi tal-minuri ikunu qegħdin jiġu ssalvagwardjati, bil-konsegwenza illi l-istess minuri ikunu qegħdin jingħataw l-opportunita' li jibnu rapport ma' missierhom, filwaqt li l-konvenut tali opportunita' tkun qiegħda sservih sabiex jirrimedja l-iżbalji tiegħu mwettqa minnu fil-passat.

Stabbilit il-premess u in vista li l-kura u l-kustodja tal-minuri ser ikunu vestiti esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza jgħixu magħha, l-intimat għandu jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri bintu. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason Joseph Mifsud**,[67] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[68] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina,***[69] *fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet*

[67] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[68] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[69] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).

*fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit[70]". ".*

Mill-atti jirriżulta illi l-attriċi resqet diversi rċevuti għal perjodu bejn is-sena 2015 u l-2019. Barra minn hekk, il-Qorti tara li skont l-aħħar provi mresqa, iż-żewġ partijiet jaħdmu, iżda ma tresqet l-ebda prova dwar l-introjtu tagħhom. Tara ukoll li *pendente lite* ingħata digriet f'Novembru 2014 fejn il-konvenut ġie ordnat iħallas is-somma ta' erba` mitt Ewro (€400) kull erba' (4) ġimgħat għaż-żewġ minuri, u dan oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri.

Tenut kont taċ-ċirkostanzi u l-provi mressqa, il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi għal kull wild is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull wild, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E u F, aħwa D B, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

Fir-rigward ta' arretrati, fir-rikors promotur tagħha l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tillikwida arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati ma' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari mill-14 ta' Novembru 2014 sal-preżentata tal-kawża, ċjoe' il-25 ta' Novembru 2016. Madanakollu l-Qorti tara li fl-affidavit tagħha l-attriċi qiegħda tippretendi illi l-konvenut jiġi ordnat iħallas arretrati ta' manteniment u spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni sal-preżent u mhux

[70] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.

limitatament sal-preżentata tal-kawża. Mill-atti jirriżulta illi l-konvenut jammetti li kien hemm drabi fejn ma ħallasx il-mantenment, anzi addirittura jgħid illi ma jistgħax iħallas għax ma jaħdimx u barra minn hekk għandu xi jmantni tifel ieħor mwieled minn relazzjoni preċedenti. In korraborazzjoni ma' dan, il-Qorti tara ukoll il-fedina penali li tistabbilixxi li kien hemm drabi fejn il-konvenut nstab ħati għal nuqqas ta' ħlas ta' manteniment. Għalhekk l-attriċi tikkontendi li l-konvenut, għandu jħallas is-somma ta' €18,320 f'manteniment bejn Novembru 2014 u Jannar 2021, kif ukoll is-somma ta' €2,605 bħala sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni għall-perjodu bejn l-2015 u 2019. Magħdud ma' dan l-attriċi tgħid ukoll li għas-snin 2020 u 2021 ma setgħatx tressaq irċevuti għaliex tilfithom, u tissuġġerixxi li tittiehed il-medja sabiex tiġi kkalkulata tali somma għal tali snin.[71]

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis**,[72] fejn il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi*". B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)"*.[73]

[71] Fol. 179.
[72] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).
[73] *Ibid.*

Il-Qorti f'dan ir-rigward tara r-rapporti magħmula mill-attriċi mal-Pulizija fejn rrappurat li l-konvenut ma kienx qed iħallas il-manteniment dovut, kif ukoll il-fedina penali tal-konvenut. Għalhekk tara li t-talba tal-attriċi hija waħda ġustifikata. Mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta illi minn Novembru 2014 sa Jannar 2023, il-konvenut kellu jħallas is-somma ta' sebgħa u erbgħin elf u tmenin Ewro (€47,080) rappreżentanti manteniment u sehemu relatati mas-saħħa u edukazzjoni taż-żewġ minuri.[74] Minn tali somma, il-konvenut ħallas biss is-somma ta' tmaintax-il elf u tmien mija u tmenin Ewro (€18,880). Għaldaqstant il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u mitejn Ewro (€28,200) rappreżentanti arretrati ta' manteniment, inkluż sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri in kwistjoni, minn Novembru 2014 sa Jannar 2023.

Finalment, il-Qorti tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti l-provvediment segwenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri, ċjoe' li fid-dawl tal-provi miġjuba fil-mori tal-kawża, il-Qorti hija tal-fehma li hemm lok li jiġi applikat l-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-konvenut stante li dak kontemplat fis-subinċiż (a) u (e) tal-istess Artikolu ġew pruvati sal-grad rikjest mil-liġi. Il-Qorti tirrileva li jkun inġust u ċertament mhux fl-interessi tal-minuri li l-konvenut jibqa' jkollu xi forma ta' awtorita' fuq l-istess minuri, liema awtorita' *se mai* tista' tintuża fil-futur sabiex jieħu xi forma ta' vantaġġ fuq l-attriċi u fuq il-minuri, meta matul dawn l-aħħar snin kienet biss l-istess attriċi li ħadet ħsieb lill-minuri, mantniethom u edukathom fl-assenza tal-konvenut. Fid-dawl tal-provi kollha miġbura, il-Qorti hija tal-fehma li s-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fl-attriċi biss, b'dana illi l-konvenut

[74] Il-Qorti waslet għal din iċ-ċifra billi: (i) Bħala manteniment - €400 x 107-il pagament minn Novembru 2014 sa Jannar 2023 = €42,800, u (ii) Bħala sehem il-konvenut relatati mas-saħħa u edukazzjoni - €40 (l-irċevuti ppreżentati mill-attriċi ammontaw għal €5,210.50 abbażi medda ta' 5 snin, li b'hekk ifisser li l-attriċi ħalset is-somma ta' €1,042.1 fis-sena u sehem il-konvenut kellu jkun dak ta' €521.05 fis-sena, liema somma jekk maqsuma fi 13-il pagament twassal għaċ-ċifra ta' €40) x 107-il pagament minn Novembru 2014 sa Jannar 2023 = €4,280.

jiġi żvestit mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan konsegwentament ifisser illi l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attriċi permezz ta' tali sentenza għandha l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut, hija għandha tieħu dawk id-deċiżjonijiet versu l-minuri u ssiefer magħhom ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attriċi qiegħda tiġi ukoll awtorizzata illi tapplika jew iġġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenut, b'dana illi l-istess passaport għandu jinżamm dejjem u biss fil-pussess tal-attriċi.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri E u F D B tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandhom jirrisjedu ma' ommhom f'dak il-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, filwaqt li kull deċiżjoni relatata mal-minuri għandha tittiehed ukoll mill-attriċi mingħajr il-ħtieġa ta' firma tal-konvenut;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi, u tordna li l-każ jiġi riferut lill-Aġenzija Appoġġ, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom:

    i. Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedhom, u jaraw huma x'jaħsbu dwar missierhom, il-possibilita' li jibnu rapport miegħu u l-aspettattivi tagħhom;

    ii. Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' social worker, skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi;

iii. Jekk ikun hemm lok għall-aċċess, jassistu lill-konvenut sabiex jitgħallem kif għandu jaġixxi u jimmaniġja lill-minuri sabiex bil-mod il-mod jibda jimla' ż-żarbun ta' missier u jaġixxi bil-*bonus pater familias* fil-konfront ta' uliedu;

3. Tilqa' it-tielet u r-raba' talba u tordna lill-konvenut sabiex jħallas lill-attriċi għal kull wild is-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull wild, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' ħames mija u ħamsin Ewro (€550) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jinqata' minn kwalukwe introjtu, dħul u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal E u F, aħwa D B, sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom;

4. Tilqa' limitatament il-ħames talba u filwaqt li tordna lil konvenut sabiex iħallas lill-attriċi l-arretrati f'manteniment u sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, hija tillikwida tali somma f'dik ta' tmienja u għoxrin elf u mitejn Ewro (€28,200), u dan għal perjodu bejn Novembru 2014 sa Jannar 2023;

5. Tilqa' is-sitt talba u ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li s-setgħa tal-ġenitur għandha wkoll tkun vestita esklussivament fl-attriċi biss, b'dana illi l-konvenut jiġi żvestit mill-awtorita' ta' ġenitur ai termini tal-Artikolu 154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan

konsegwentament ifisser illi l-attriċi qiegħda tingħata l-awtorita' neċessarja sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri, u ċjoe' dawk ordinarji ta' kuljum u kif ukoll dawk straordinarji li jinkludu iżda mhux limitati għall-kwistjonijiet ta' saħħa, edukazzjoni, reliġjon, attivitajiet extra-kurrikulari u safar, hekk kif jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi. Dan ifisser illi l-attriċi permezz ta' tali sentenza għandha l-jedd illi mingħajr ebda awtorita', kunsens jew firma tal-konvenut, hija għandha tieħu dawk id-deċiżjonijiet versu l-minuri u ssiefer magħhom ukoll. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-passaport tal-minuri, fejn l-attriċi qiegħda tiġi ukoll awtorizzata illi tapplika jew iġġedded il-passaport tal-minuri mingħajr ebda awtorizazzjoni, kunsens jew firma tal-konvenut, b'dana illi l-istess passaport għandu jinżamm dejjem u biss fil-pussess tal-attriċi.

Bl-ispejjeż għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.